A.L. 24 ta' l-1985

ATT TA' L-1980 DWAR IL-QORTI TAL-MINORENNI (ATT NRU. XXIV TA' L-1980)

Regolamenti ta' l-1985 dwar Rimunerazzjoni lill-Assistenti tal-Qorti tal-Minorenni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1980 dwar il-Qorti tal-Minorenni, id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1985 dwar Rimunerazzjoni lill-Assistenti tal-Qorti tal-Minorenni.

Rimunerazzjoni li tiħallas lill-assistenti.

2. Għandu jitħallas lill-Assistenti tal-Qorti tal-Minorenni maħtura taħt l-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1980 dwar il-Qorti tal-Minorenni, meta dawk l-Assistenti ma jkunux fl-impieg tal-Gvern, dritt ta' erba' liri Maltin għal kull seduta ta' l-imsemmija Qorti.